Nru./No. 20,849
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 2 ta' Mejju, 2022
Monday, 2nd May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 7709
Government Notices *7709*

Avviżi tal-Qorti ..... 7710 - 7712
Court Notices ..... *7710 - 7712*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 464

ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR L-ESTENSJONI TAL-PROJBIZZJONI FUQ L-IVVJAĠĠAR LEJN IL-PAJJIŻI KOLLHA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.26 U L-ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR IL-PERJODU TA' KWARANTINA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.13

IS-SUPRETENDENT tas-Saħħa Pubblika qiegħda hawn tavża illi s-segwenti ċertifikat ta' tilqim b'vaċċini approvati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini jew b'vaċċini li ġew aċċettati taħt il-Proċedura ta' Elenkar ta' Użu ta' Emerġenza tad-WHO (sakemm għal vaċċini li għadhom mhumiex awtorizzati mill-EMA, il-vjaġġatur jeħtieġ ukoll li jippreżenta test PCR negattiv meħud fi żmien 72 siegħa qabel il-wasla tagħhom f'Malta) għandhom jiġu aċċettati mit-2 ta' Mejju, 2022.

Ċertifikat Internazzjonali tat-Tilqim tal-COVID-19 tar-Repubblika tal-Indoneżja (verifikabbli fuq https://verify.kemkes.go.id)

It-2 ta' Mejju, 2022

Nru. 465

ATT DWAR GVERN LOKALI (KAP. 363)

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidata eletta bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, it-2 ta' Mejju, 2022 għall-Kunsill Lokali ta' Is-Siġġiewi biex jimtela l-post li tbattal minn Dott. Alessia Psaila Zammit hija dik li isimha jidher hawn taħt:

FARRUGIA PACE GILLIAN

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-2 ta' Mejju, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 464

ARTICLE 2 OF THE TRAVEL BAN (EXTENSION TO ALL COUNTRIES) ORDER SUBSIDIARY LEGISLATION 465.26 AND ARTICLE 2 OF PERIOD OF QUARANTINE ORDER, 2021 SUBSIDIARY LEGISLATION 465.13

THE Superintendent of Public Health hereby notifies that the following vaccination certificate with European Medicines Agency approved vaccines or with vaccines that have been accepted under WHO Emergency Use Listing Procedure (provided that for vaccines that are not yet authorised by the EMA, the traveller also needs to present a negative PCR test taken within 72 hours prior to their arrival in Malta) shall be accepted as from the 2nd May, 2022.

Republic of Indonesia International COVID-19 Vaccination Certificate (verifiable at https://verify.kemkes.go.id)

2nd May, 2022

No. 465

LOCAL GOVERNMENT ACT (CAP. 363)

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 2nd May, 2022 for the Local Council of Is-Siġġiewi to fill the post vacated by Dr Alessia Psaila Zammit is that whose name is shown hereunder:

FARRUGIA PACE GILLIAN

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

2nd May, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

713

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Frar, 2022, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Aegis Corporate Services Limited (C57029) ta' 123, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1123, ippreżentaw talba fid-9 ta' Diċembru, 2021, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Caledonian Transport Limited (C66391) ta' 3A, Flat 3, Triq D'Argens, L-Imsida MSD 1368, sabiex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €8206.80, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali

Il-kawża (Rikors numru 345/2021LC) tinsab differita għad-9 ta' Mejju, 2022, f'12.00 p.m.

Notifika: Caledonian Transport Limited (C66391), 3A, Flat 3, Triq D'Argens, L-Imsida MSD 1368

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 28 ta' April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Registratur, Qrati u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 16th February, 2022, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Aegis Corporate Services Limited (C57029) of 123, Triq Melita, Valletta VLT 1123, filed a Claim on the 9th December, 2021, whereby they asked the Court to condemn Caledonian Transport Limited (C66391) of 3A, Flat 3, Triq D'Argens, Msida MSD 1368, to pay the plaintiff company the sum of €8206.80, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Application number 345/2021LC) is postoned for hearing for the 9th May, 2022, at 12.00 p.m.

Notification: Caledonian Transport Limited (C66391), 3A, Flat 3, Triq D'Argens, Msida MSD 1368

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 28th April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

714

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-22 ta' Marzu, 2022, Rikors numru 494/2022, minn Antoinette Depasquale et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Antoinette Depasquale mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Ivan Depasquale u Lennart Depasquale ulied id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed minnhom is-suċċessjoni ta' Joseph George Depasquale, żewġ Antoinette Depasquale, bin il-mejtin Edgard Vincent sive Edgar Depasquale u Marija Grazzja Depasquale née Colejro, imwieled Ħal Qormi, Malta, kien residenti Ħal Balzan, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-7 ta' Frar, 2022, ta' 81 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 739140M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd March, 2022, Application number 494/2022, by Antoinette Depasquale et whereby they requested that it be declared open in favour of Antoinette Depasquale wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and in favour of Ivan Depasquale and Lennart Depasquale children of the decujus in the quota of a fourth (1/4) undivided share each one of them the succession of Joseph George Depasquale, husband of Antoinette Depasquale, son of the late Edgard Vincent sive Edgar Depasquale and Marija Grazzja Depasquale née Colejro, born in Ħal Qormi, Malta, resided in Ħal Balzan, Malta and died in Msida, Malta, on the 7th February, 2022, aged 81, and who held identity card number 739140M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 28 ta' April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 28th April, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

715

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' April, 2022, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2022, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

i) Maisonette fil-ground floor level fi stat semi-finished aċċessibbli minn drive in komuni liema drive in tista' tiġi użata wkoll mill-garaxx ta' tliet (3) karozzi, bid-drittijiet u l-pertinenzi riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu li possibbilment jinkludi iżda ma jkunux biss limitati għas-servitù ta' twieqi u gallariji u terrazini sovraposti, ilma tax-xita, katusi tad-drains u drenaġġ li jgħaddu mill-fond u drittijiet u servitujiet oħra riżultanti mill-pożizzjoni tiegħu, stmat li jiswa mitejn ħamsa u ħamsin elf ewro (€255,000);

ii) Garaxx ta' tlett (3) karozzi fil-ground floor level aċċessibbli minn drive in komuni li tipprovdi aċċess ukoll għal ground floor level maisonette bid-drittijiet, il-pertinenzi u s-servitujiet huma dawk kollha rizultanti mill-posizzjoni tiegħu, stmat li jiswa ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000);

iii) Garaxx ta' tnax-il (12)karozza fis-semi basement level aċċessibbli minn rampa li tiżbokka fi Triq Notabile, Attard bid-drittijiet, il-pertinenzi u s-servitujiet huma dawk kollha rizultanti mill-posizzjoni tiegħu, stmat li jiswa disgħa u disgħin elf u erba' mitt ewro (€99,400);

iv) Garaxx ta' karozza wahda fis-semi basement level aċċessibbli minn rampa li tiżbokka fi Triq Notabile, Ħ'Attard, bid-drittijiet, il-pertinenzi u s-servitujiet huma dawk kollha riżultanti mill-pożizzjoni tieghu, stmat li jiswa sbatax-il elf u ħames mija ewro (€17,500),

L-imsemmija maisonette u garaxxijiet jinsabu mibnija fuq porzjon ta' art fejn qabel kien hemm mibnija d-dar bl-isem 'Rustica' fi triq Notabile, Ħ'Attard, liema biċċa art tikkonfina mix-Xlokk mal-imsemmija triq, mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph u Carmen Mifsud, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Alfred Grech jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, libera u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha;

v) Penthouse ta' kamra tas-sodda waħda (1), mibnija fuq blokk ta' erba' (4) appartamenti, liema blokk għandu n-numru uffiċjali sbatax (17) bl-isem ta' 'Mdina View Court', fi Triq

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 26th April, 2022 on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 11th August, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Vallett of the following property:

i) Maisonette on ground floor level in a semi-finished state accessible by common drive in which drive in can also be used from the three (3) car garage, with all its rights and appurtenances resulting from its relative position including possibility but not limited servitudes of overlying windows and balconies and terraces, rainwater, including drains and drainage pipes and any other rights and servitudes from its position valued at two hundred and fifty-five thousand euro (€255,000);

ii) Three car garage (3) on the ground floor level accessible by common drive which also provides to a ground floor level maisonette with all its rights and appurtances and servitudes resulting from its position valued at forty-five thousand euro (€45,000);

iii) Twelve car garage (12) in semi basement level accessible by common drive which abuts in Triq Notabile, Attard with all its rights and appurtances and servitudes resulting from its position valued at ninty nine thousand and four hundred euro (€99,400);

iv) One car garage in semi basement level accessible by common drive which abuts in Triq Notabile, Ħ'Attard, with all its rights and appurtances and servitudes resulting from its position valued at seventeen thousand and five hundred euro (€17,500),

The said maisonette and garages are built on a portion of land which previously was built the house name 'Rustica' in Triq Notabile, Ħ'Attard, which portion of land is bounded on Southeast by the said street, West by property of Joseph and Carmen Mifsud, North by property of Alfred Grech or his successors in title, free and unencumbered with all its rights and appurtenances;

v) One bedroom (1) penthouse built on a block of four (4) apartments which block is officially numbered seventeen (17) named 'Mdina View Court' in Triq il-Laringġ, Ħ'Attard.

il-Lariġ, Ħ'Attard. L-imsemmi blokk huwa mibni fuq plot numru għoxrin (20) mill-artijiet tal-Bajdun, Ħ'Attard u inkluż mal-penthouse hemm l-arja relattiva tagħha kif ukoll is-sehem mill-partijiet komuni kollha prorata, inkluż s-servizzi tad-drains u dranaġġ, libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha bis-servituijiet kollha riżultanti mill-pożizzjoni tagħha sia attivi u passivi,

u

Garaxx ta' karozza waħda, bla numru u bla isem, iżda privatament enumerat ħamsa (5) sottopost għall-flat numru erbgħa (4) u jinsab f'basement ta' tmien (8) garaxxijiet inkluż sehemu u mir-rampa u l-partijiet komuni tal-korp tal-garaxxijiet aċċessibbli minn rampa komuni, liema entratura hija bla numru li tagħti fuq Triq il-Lariġ, Ħ'Attard. L-imsemmi garaxx huwa t-tieni garaxx fuq il-lemin meta tidħol ġol-basement minn ġo drive in u għandu bitħa retroposta li fiha tieqa tagħti fiha, liema bitħa fiha katusi tal-ilma tax-xita. Il-garaxx hu liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu. Dan il-garaxx jikkonfina mill-irjieħ kollha ma' ġid tal-konjugi Briffa jew suċċessuri tagħhom

Il-penthouse u l-garaxx stmati li jiswew mija u wieħed tletin elf ewro (€131,000);

vi) Il-garaxx fi stat ta' ġebel u saqaf, mingħajr numru uffiċjali u bl-isem ta' 'Mariella', qabel magħruf bħala 'Salvu Garage', fi Triq Luigi Rosato, magħrufa ukoll bħala Triq Wiġi Rosato u qabel magħrufa bħala triq ġdida fi Triq San Mikiel, Bormla, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu. L-imsemmi garaxx jikkonfina mil-Lvant mal-imsemmija triq, mil-Lbiċ ma' TriqWilliam u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Dr Daniel Piscopo u stmat li jiswa sittin elf ewro (€60,000);

vii) Il-ħanut, fi stat ta' ġebel u saqaf, mingħajr numru uffiċjali u bl-isem ta' 'Mariella', qabel magħruf bħala 'Salvu Garage', fi Triq Luigi Rosato, magħrufa ukoll bħala Triq Wiġi Rosato u qabel magħrufa bħala triq ġdida fi Triq San Mikiel, Bormla, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu. L-imsemmi garaxx jikkonfina mil-Lvant mal-imsemmija triq, mil-Lbiċ ma' Triq William u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Dr Daniel Piscopo u stmat li jiswa għal tnax-il elf ewro (€12,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Amity Developments Limited (C37831).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 64/2014.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 27 ta' April, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said block is built on plot number twenty (20) from the land of tal-Bajdun, Ħ'Attard and including with the penthouse its relative airspace as well pro rata share from the common parts including the system of drains and drainage, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and all the servitudes resulting from its relative position sia active and passive,

and

One Car garage, unnamed and unnumbered, but privately numbered five (5) underlying flat number (4) situated in a basement of eight (8) garages accessible including its share of the ramp and the common parts accessible from a common ramp, which entrance is unnumbered and abuts in Triq il-Lariġ, Ħ'Attard. The said garage is the second garage on the right when entering the basement from the drive in and has a backyard with a window in it; the backyard has all the drains for the rainwater. The garage is free and unencumbered with all its rights and appurtenances. This garage is bounded by all compass points with the estate of spouses Briffa or their successors.

The penthouse and garage are valued at one hundred and thirty-one thousand euro (€131,000).

vi) Garage in shell form, unnumbered officially and name of 'Mariella', previously known as 'Salvu Garage', in Triq Luigi Rosato, known as Triq Wiġi Rosato and formerly known as new road in Triq San Mikiel, Bormla, with all its right and appurtenances. The said garage bounded on east with the said street, southwest by Triq William and northwest by property of Dr Daniel Piscopo valued at sixty thousand euro (€60,000).

vii) Shell form shop, unnumbered officially and name of 'Mariella', previously known as 'Salvu Garge, in Triq Luigi Rosato, known as Triq Wiġi Rosato and formerly known as new road in Triq San Mikiel, Bormla, with all its right and appurtenances. The said garage bounded on east with the said street, southwest by Triq William and northwest by property of Dr Daniel Piscopo valued at twelve thousand euro (€12,000).

The said tenement is the property of Amity Development Limited (C37831).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 64/2014.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 27th April, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603